KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta 17_21/04/10 VI

# MINUTI TAS-SBATAX- IL SEDUTA

**Is-sbatax-il seduta** tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet l-Erbgħa **21 t' April, 2010** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku: | **Nikki Dimech** |
| Viċi-Sindku: | **Johanna Gonzi** |
| Kunsilliera: | **Martin Debono**<br>**Yves Bobby Cali**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Nicolai Gauci**<br>**Sandra Camilleri**<br>**Marianne Aquilina**<br>**Patrick Pace** |
| Dep. Seg. Eżekuttiv: | Althea Borg |
| Accountant | Christian Vella |
| Skużat: | **Cyrus Engerer**<br>**Julian Galea** |

Is-seduta bdiet fil-18.00pm ta' fil-għaxija b'din l-aġenda

1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 16_17/03/10VI
2. Materji konnessi mal-minuti
3. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Deputat Segretarju Eżekuttiv
4. Mistoqsijiet mill-kunsilliera
5. Approvazzjoni tal-pagamenti
6. Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji (Emendati)
7. Affarijiet Oħra
8. Deċizjoni dwar id-data tas-seduta tal-kunsill li jmiss

**1. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 16_17/03/10VI**



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 04 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

1.1 Il-Kunsilliera Sandra Camilleri rresqet quddiem il-Kunsill sabiex tiġi emendeta s-sentenza f'punt numru 4.2 fejn minnflok il-kliem barra persuna waħda tiġi emendata għal Kunsilliera Sandra Camilleri, kif ukoll żiedet illi apparti minn hekk staqsiet kif kien ġie mgħarraf il-*Contracts Manager* jekk hux verbalment jew bil-kitba għaliex hi oġġezzjonat kif kien ġie mgħarraf. Is-Sindku propona sabiex jiġu approvati l-minuti hekk kif emendati u il-Viċi Sindku J. Gonzi sekondat. Il-Kunsilliera kollha preżenti ivvotaw favur. Il-minuti ġew approvati.

**2. Materji konnessi mal-minuti**

Il-Kunsillier Martin Debono ressaq talba sabiex tintbagħat ittra lis-Segretarju Ezekuttiv preċedenti sabiex nistaqsu jekk kienx ħareg permess lis-Sur Stephen Buhagiar sabiex ikun jista jħaffer toqob għall-arbli tal-festa ġewwa Triq Rudolfu. Is-Sur Buhagiar kien qal lis-Sur Martin Debono, illi is-Sur Grech kien ħareg il-permess u peress li t-Triq kienet qada kemm ġiet *re-surfaced* ftit żmien ilu. Għalhekk xtaq verifika mis-Segretaju preċedenti kif ukoll xtaq illi nerġgħu nibgħatu ittra oħra lill-perit ta' Polidano sabiex jagħtina rapport ta' kif tista issir prevenzjoni sabiex ma ssirx dannu fit-triq jew jagħti rapport jekk saritx ħsara meta tħaffru dawn it-toqob.

Peress li l-*Accountat* ma setgħax jdum għas-seduta l-kunsilliera approvaw sabiex punt numru 6 fuq l-aġenda jiġi diskuss dak il-ħin.

**6. Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji (Emendati)**

6.1 Is-Sur Christian Vella spjega lill-kunsilliera preżenti illi kellna żewġ emendi fl-estimi finanzjarji minn April 2009 sa Diċembru 2009. Waħda kienet tikkonċerna pagamenti lill-Wasterserv kif ukoll li saret *double entry posting* fuq pagament tal-perit. Għalhekk saru l-emendi kif mitluba mill-*Audit Office* u l-kunsillier approva dawn l-emendi b'mod unanimu.

**3. Korrispondenza u komunikazzjonjiet mis-sindku/deputat segretarju eżekuttiv**

3.1 Is-Sindku preżenta ittra minn għand l-avukat tal-*contracts manager* preċedenti sabiex l-avukat tal-kunsill ikun jistgħa jikteb lura. Il-Kunsilliera qablu ma' dan b'mod unanimu.

3.2 Is-Sindku N. Dimech informa lill-Kunsilliera li kellu laqgħa mal-Green MT fejn ġew diskussi l-emendi fil-kuntratt kif ukoll li jkun mġedded il-kuntratt kull tlett xhur. Huwa ppropona ukoll li jekk dan il-ftehim ma jasalx il-Kunsill sa nhar il-Ġimgha 23 t'April, 2010 nerġgħu nibdew taħdidiet mal-Green Pak. Il-Kunsilliera qablu kollha b'mod unanimu.

3.3 Il-Kunsillier M. Debono ressaq talba mis-sidien ta' Waterfront Place Ix-Xatt tas-Sliema sabiex jkunu jistgħu jagħmlu olterazzjoni fir-rampa tal-garage tagħhom sabiex jevitaw periklu dan għaliex ma jkunux jistgħu jaraw karrozzi ġejjin meta joħorġu mill-garage tagħhom u joħorġu dritt fuq main road. Il-Kunsill b'mod unanimu ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba.

3.4 Is-Sindku N. Dimech spejga kif hemm bżonn li jidħol il-kunċett ta' *neighbourhood watch* u li tiġi amministrata minn kumpanija privata sabiex jiġu salvagwardjati postijiet pubbliċi kif ukoll it-toroq fil-lokalita' tagħna. Tajjeb li tidħol ukoll sistema ta' CCTV

cameras kif ukoll *beach patrol* matul is-Sajf. Il-Kunsilliera qablu b'mod unanimu ma ' dan il-kunċett anke' fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissarju tal-Puluzija is-Sur Rizzo wara li kellu laqgħa mas-Sindku fejn wera' l-preokkupazzjoni tiegħu rigward ir-rata kbira ta'serq li hawn ġewwa tas-Sliema. Il-Viċi Sindku spejgat ukoll il-problema kbira ta' nuqqas ta' riżorsi umani fil-korp għaliex hemm ineffiċċjenza kbira meta iċċempel l-Għassa għax jew ma jirrispondux it-telefon jew idumu ħafna għalhekk ser nitolbu lill-Assistent Kummissarju sabiex jieħu l-passi meħtieġa.

3.5 Is-Sindku N. Dimech ressaq talba sabiex tiġi magħżula bħala Segretarju tal-Kunsill is-Sinjorina Svetlana Curmi fuq rakkomondazzjoni tal-Ministeru għaliex Is-Sinjorina Curmi għanda esperjenza kbira fuq il-fondi tal-Unjoni Ewropea u dan il-Kunsill kien ilu jitlef opportunitajiet sabiex napplikaw għal dawn it-tip ta' fondi. Il-kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu.

3.6 Is-Sindku N.Dimech spejga kif hu kien ċempel lis-Sinjura Stefania Friggieri fejn hu staqsija jekk setgħatx tkun Deputat Segretarju Ezekuttiv fejn hu ikkonferma illi fis-sitwazzjoni tagħħa hi ma setghatx taċċeta u għalhekk ressaq talba sabiex is-Sinjorina Althea Borg tiġi maħtura Deputat Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu.

3.7 Il-Viċi Sindku J.Gonzi informat lill-Kunsill rigward il-laqgħa ma' Dr. West u Dr. Vella Baldacchino fejn spejgatilhom skond il-pjanta fejn kienet ser tiġi l-Berga kif ukoll it-talba tagħhom sabiex isiru ftit alterazzjonijiet fil-pjanta. Għalhekk il-Perit M. Debono ma' sabx l-ebda oġġezzjoni sabiex ikun jistgħa jiltaqa magħhom biex jiddiskutu aktar fid-dettal. Kif ukoll spejgat illi ma kien hemm għalfejn li wieħed jagħmel xi tip ta' kuntratt għaliex minn naħa tad-Dipartiment tas-Saħħa mhux ser joħorġu spejjez peress ser jkun kollox finanzjat mill-Kunsill iżda jekk eventwalment issir talba sabiex il-Berga terġa tiċċaqlaq wieħed għandu javża minn ta' l-inqas sitt xhur sa sena qabel.

3.8 Il-Kunsillier E.Cuschieri ressaq proposta sabiex issir ċerimonja biex tiġi kkomemorata l-għeluq ta' 70 sena li spiċċat il-Gwerra. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu b'mod unanimu.

3.9 Is-Sindku N.Dimech informa lill-Kunsill illi d-Dipartiment tal-Gvern Lokali aċċetta t-talba li kien għamel il-Kunsill sabiex jdaħħlu skrivan/a ieħor fuq il-*customer care*.

3.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill rigward it-talba li kien għamlu l-SRA sabiex jibdew jiktbu fir-revista tal-kunsill u jkollom żewġ paġni kull darba għad-disposizzjoni tagħhom. Pero' ġie deċiż b'mod unanimu li wieħed jistgħa jikteb artiklu fuq ismu personali u mhux jippreżenta xi NGO jew assocjazzjoni u dejjem jekk l-editur japprova sabiex jiġi ppubblikat dan l-artiklu fir-revista.

3.11 Is-Sindku ressaq erba' talbiet ta' reserved parkings sabiex dawn jiġu mgħoddija lill-ADT għall-konsiderazzjoni u approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsilliera qablu b'mod unanimu.

3.12 Il-Vici Sindku J. Gonzi ressqet talba sabiex l-ADT terġa tikkonsidra l-problema li qegħda ssofri s-Sinjura Stella Farrugia għaliex hemm problema rigward ir-reserved parking għal blue badge holders ġewwa t-triq tagħha. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu.

3.13 Is-Sindku N.Dimech ressaq talba sabiex il-Kunsill jikteb ittra ta'oġġezzjoni lill-MEPA rigward il-ftuħ ta'night club ġewwa Triq Windsor. Il-Kunsilliera kollha qablu b'mod unanimu.

3.14 Il-Kunsillier Patrick Pace ressaq talba sabiex nagħtu permess lis-Salesians Brigade biex jħawwlu siġra kif ukoll titweħħel plakka għall-okkazzjoni tal-għeluq ta' ċentinarju. Kien hemm qbil unanimu rigward dan.

3.15 Is-Sindku N.Dimech propona sabiex tinħareġ tender biex il-funtani li għanda ġewwa Ġnien Indipendenza isiru bil-mosaic sabiex nagħtu dehra sabiħa lil dawn il-funtani. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu.

3.16 Tressqet talba tas-Sinjura Adrienne Cassar sabiex tiġi msemmija triq wara missiera Carmelo Mangion. Il-Kunsill irrefera l-kaz tagħha lis-Street Naming Committee.

3.17 Tressqet talba mill-Plevna Hotel sabiex jitwaħħlu seba' tabelli biex jindikaw fejn hu l-lido tal-Hotel. Il-Kunsill b'mod unanimu oġġezzjona għal din it-talba.

3.18 Is-Sindku N.Dimech informa lill-kunsill li wara li ltaqa mal-bord tal-konsultazzjoni dwar l-aġġidukazzjoni tat-tender ta' speed ramps intgħażlet il-Kumpanija PMG peress li kienet l-aktar vantaġuża kif ukoll viċin l-*ispecifications* illi tlabna bħala kunsill. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu.

3.19 Is-Sindku N.Dimech ressaq proposta tal-Kunsilliera Sandra Camilleri sabiex jiżdiedu żewħ trippijiet oħra fis-sajf ta' *Circular Bus Service*. Waħda fis-14.30p.m u l-oħra fid-disgħa ta' filgħaxija. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' dan b'mod unanimu.

**4. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

4.1 Il-Kunsilliera Sandra Camilleri staqsiet sabiex jiġu evitati li jsiru bar-b-ques ġewwa Qui-Si-Sana. Pero' is-Sindku qal li dan għandu jiġi diskuss wara li jkun tlesta l-proġett ta' Qui-Si-Sana.

4.2 Il-Kunsilliera Sandra Camilleri ressqet ukoll ilment rigward l-eskavar li qiegħed isir ġewwa Għar id-Dud u għalhekk ser nerġgħu nibgħatu ittra l-Chairman tal-MEPA sabiex jinvestiga dan il-kaz.

4.3 Il-Kunsillier Martin Debono ressaq talba sabiex jitneħħew żewġ reserved parkings quddiem il-Volksbank ġewwa Triq Dingli dan għaliex kellu tlieta u mhux waħda reserved parking bħalma għandhom banek ohra. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta.

4.4 Tressqet proposta sabiex titneħħa l-MC bay tul ta' karozza ġewwa Triq Falzon dan ghaliex saret minghajr permess tal-Kunsill kif ukoll kellha bricks u kantina mwaħħla ma' l-asfalt. Għalhekk ġie deċiż sabiex sid il-mutur jipparkja l-mutur fit-tarf ta' triq fejn kien hemm mc bay u jitwaħħlu żewġ bollards sabiex ma jkunux jistgħu jipparkjaw karrozzi fl-mc bay. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu ma' din id-deċizzjoni.

4.5 Tressqet talba sabiex il-Kunsill Lokali flimkien ma' Sliema Business Community jġibu banda fl-okkażżjoni ta' Jum l-Omm. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba b'mod

unanimu.

4.6 Għalkemm il-Kunsillier J. Galea ma' kienx preżenti tressqet talba minn għand Marie Therese Vassallo rigward possibilita' li l-kunsill joħroħ parti mill-ispiża sabiex il-choir tagħha jagħti *performance* ġewwa Sables d' Olonne. Il-kunsilliera kollha preżenti ma qablux ma din id-deċiżjoni iżda approvaw b'mod unanimu li l-kunsill joħroġ l-ispejjeż tal-ajru, akkomodazzjoni kif ukoll *hotel transfers* lill-Kunsillier J. Galea sabiex ikun jistgħa jakkompanja lil dan il-Choir ġewwa Sables d'Olonne.

4.7 Il-Kunsilliera M. Aquilina infurmat lill-Kunsill illi ser tiġi organizzata Notte Bianca ġewwa tas-Sliema nhar is-17 u 18 ta' Lulju, 2010. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu rigward din l-attivita'.

4.8 Il-Kunsillier P. Pace ressaq proposta sabiex tkun tistgħa tinħareġ tender sabiex jsir monument artistiku ġewwa tas-Sliema fuq it-tema ta' l-Ambjent. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu ma' din il-proposta b'mod unanimu. (2).

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Is-Sindku N.Dimech ppropona li tiġi approvata l-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 11068 sa 11158. Il-Kunsillier E. Cuschieri ssekondah. Il-pagamenti ġew approvati bi qbil unanimu.

**7. Affarijiet ohra**

Ma ġiex diskuss xejn aktar.

**8. Deċiżjoni dwar id-data tas-seduta tal-Kunsill li jmiss**

Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 19 ta' Mejju fil-5.30pm.

Is-seduta ntemmet fid-20.30pm.

**Nikki Dimech**
**Sindku**

**Althea Borg**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

(1) 3.2 Is-Sindku fuq parir tal-avukat u l-konsulent fuq dan il-proġett staqsa lill-Kunsilliera biex issir estensjoni tat-tender tal-fairylights fuq is-siġar ta' tas-Sliema biex issa dan d-dawl ikun inqiegħed mill-Kontine

sal-Waterfront Hotel, jiġifieri s-siġar kollha ġo tas-Sliema nkluzi dawk li qegħdin imħawla - inkluzi dawk ta' triq Carlo u Surfside - kullimkien, sabiex jinżamm il-kunċett "Sliema white by night". Ittieħed il-vot u l-vot kien unanimu.

(2) 4.9. Il-Kunsillier B. Cole qal illi A. Borg ma jistax jintgħażel Segretarju Eżekuttiv għaliex huwa kontra l-liġi kif ġiet emendata. Saqsa [illegible] hemm Deputat għal [illegible] xejn sakemm jintgħażel Seg. Eżekuttiv.

4.10. Is-Sindku N. Dimech qal illi wara li l-Kunsill ivvota b'mod unanimu biex [illegible] sejħa għall-effetti għar-refurbishment fejn l-uffiċini, l-Avukat tal-Kunsill ta parir li ma kienx hemm bżonn li tinħareġ din is-sejħa minħabba tender li kien diġà ġie approvat mill-istess Kunsill għal xogħolijiet oħra.

Il-Kunsillier M. Debono qal li flimkien mad-Deputat Seg. Eżekuttiv A. Borg kien qara l-ispeċifikazzjonijiet tat-tender rigward il-refurbishment tal-bini li Polidano għandu preżentament mal-Kunsill. Hu qal li fil-fehma tiegħu ma setax jintuża l-istess tender u għandu jinħareġ tender ieħor speċifikament għar-refurbishment tal-Kunsill.

Ko.

4.10. cont.

L-avukat tal-Kunsill qal li jista' jkun il-każ li x-xogħol hu kopert fit-tender li diġà għandu l-kuntrattur u m'għandux għalfejn jinħareġ tender ieħor.